# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 51/2022**

Data: L-Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

---

Preżenti:
Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Dr Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Adrian Tanti - Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier

Skużati:
Sna Toshera Schembri - Kunsilliera
Sur Mario Fava – Kunsillier

Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

**50.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**50.2 MINUTI**

**50.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**50.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**50.5 ĦLASIJIET**

**50.6 FINANZI**

**50.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**50.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**50.9 FESTA TAL-LOKAL**

**50.10 KORRISPONDENZA**

**50.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**50.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**50.13 TRAFFIC MANAGEMENT**

**50.14 STAFF**

**50.15 MOZZJONIJIET**

**50.16 PLANNING AUTHORITY**

**50.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**50.18 MISTOQSIJIET**

**50.19 AĠĠORNAMENT**

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba. Irringrazzja lill-Kuns C Bonello, lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-istaff kollu tal-Kunsill għal kif tmexxiet l-attivita' tal-Karnival, fejn kienet suċċess.

## 50.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**50.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija dik tal-Kuns. T Schembri u Kuns M Fava.

Il-membri tal-kamra approvaw dawn it-talbiet ta' apoloġija.

## 50.2 MINUTI

**50.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6164/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 50/2022 bid-data tal-11 ta' Mejju 2022".

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**50.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**50.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6165/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-kunsill ta' Ġunju 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.5 ĦLASIJIET

**50.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6166/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 5/5/2022 sa 1/6/2022 kif inhu anness". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.6 FINANZI

**50.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**50.7.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-iskema tal-Urban Greening fejn kien qed jieħu ħsieb tali applikazzjoni l-Perit tal-kunsill, u fejn l-Kunsill applika sabiex issir ir-riġenerazzjoni ta' Ġnien Reggie Miller, ġejna nfurmati li kawża li kien hemm xi dokumenti nieqsa li kellu jgħaddihom il-Perit, l-applikazzjoni ġiet irrifjutata. Is-Sindku nforma wkoll li l-iskema li l-Kunsill applika għaliha sabiex issir Gazebo fi Pjazza Patri Redent Gauci wkoll intbagħtet b'dokumenti neqsin minkejja kull tentattiv u komunikazzjoni li saret mal-Perit biex jintbagħtu d-dokumenti kollha meħtieġa. Din l-

applikazzjoni l-kunsill għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwarha. Dwar dan kien hemm diskussjoni bejn il-membri tal-kamra, fejn is-Sindku ressaq riżoluzzjoni ref: **6167/22/8** "Riżoluzzjoni sabiex il-Kunsill iżomm il-pagament tal-Perit wara li skema ta' Riġenerazzjoni tal-Ġnien Reggie Miller ma ġietx aċċettata kawża ta' dokumenti nieqsa li ma provdiex il-Perit, il-pagament bin-numru 15207"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra 18:03 u reġgħa daħal 18:05
.

## 50.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**50.8.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li ġew magħluqa żewġ tenders, fejn għat-tender tal-knisja kien hemm żewġ offerenti filwaqt li għat-tender tal-vann li jaħdem bl-elettriku ma kien hemm l-ebda offerent. Wara li ġie diskuss it-tender tal-vann fejn ġie deċiż li t-tender tal-vann għandu jerġgħa jinħareġ b'iktar mod sempliċi, jintbagħat għall-approvazzjoni tal-bord u jerġgħa jinħareġ it-tender tal-vann b'tali mod li jkun iktar faċli biex offerent jitfa' l-offerta tiegħu. Rigward it-tender tal-manutenzjoni tal-Knisja l-Kunsill għandu jgħaddi l-offerta tal-irħas offerent lill-Perit biex dan tal-aħħar jikkonferma li t-tender li ntefgħa mill-irħas offerent huwa konformi ma' dak mitlub fid-dokument tat-tender. Il-Kuns C Bonello saħaq li fi żmien ġimgħa l-Perit għandu jikkonferma dan sabiex il-kunsill ikun jista jipproċedi. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6168/22/8**: "Sabiex fir-rigward ta' tender KNS-17-21 Manutenzjoni tal-knisja Parrokkjali tal-Fgura wara li ż-żewġ offerti li ntefgħu jgħaddu għand il-Perit tal-Kunsill għandu jintgħażel l-irħas wieħed"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.8.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li kellu laqgħa mal-membri tar-Reġjun Port rigward il-ġbir tal-Iskart, fejn fi ftit żmien ieħor din ir-responsabbilta' se tkun qed taqa' taħt ir-Reġjun. Waħda mill-affarijiet li se jkun hemm bżonn huwa s-servizz tal-*Contract Manager*. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6169/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jibda l-proċess biex jinħatar *part-time Contract Manager* fil-lokal tal-Fgura"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Viċi Sindku talab li għat-tender tal-*Contract Manager* ikun parti mill-bord peress li taħtu taqa' r-responsabbilta' tal-ġbir tal-Iskart. Is-Sindku wieġeb li f'dan l-istadju għad ma hemm xejn konkluż.

### 50.9 FESTA TAL-LOKAL

**50.9.1** Is-Sindku talab lill-Kuns M Lombardo Kunsillier responsabbli mill-festa tal-lokal sabiex iressaq il-mozzjonijiet li għandu ppreparati relatati mal-festa tal-lokal.

**50.9.2** Il-Kuns M Lombardo qal li wara tliet snin se terġgħa tittellgħha l-festa fejn se jkun hemm attivitajiet saru fis-snin preċidenti kif ukoll inizjattivi ġodda. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6170/22/8** "Sabiex tiġi organizzata l-Fgura Fest nhar is-Sibt 2 ta' Lulju b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna għal spiża ta' mhux iktar minn 2,000 Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6171/22/8** "Sabiex tiġi organizzata Lejla Maltija nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu għal spiża ta' mhux iktar minn 2,000Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.4** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6172/22/8** "Sabiex jingħata servizz ta' warden f'dawn id-dati fl-attivitajiet relatati mal-Festa 17, 19 u 24 ta' Ġunju, 1, 2 u 10 ta' Lulju"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.5** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6173/22/8** "Sabiex jinkrew mobile toilets f'dawn id-dati 24 ta' Ġunju f'Wesgħa Nazzareno Farrugia, 2 ta' Lulju fi Triq Hompesch, bejn it-2 u l-10 ta' Lulju f'Wesgħa Nazzareno Farrugia, bejn is-7 u l-10 ta' Lulju fi Triq Hompesch (ħdejn Vince Ironmongery) u fl-10 ta' Lulju fi Pjazza Reggie Miller"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6174/22/8** "Sabiex jinkrew 2 cherry pickers għal waqt l-armar tal-liedna, għal spiża ta' mhux iktar minn 600 Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6175/22/8** "Sabiex jingħata servizz ta' fire engine waqt il-logħob tan-nar tal-festa għal spiża ta' mhux iktar minn 700 Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.8** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6176/22/8** "Sabiex il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mas-sezzjoni Għaqda tan-nar f'isem il-Kummissjoni Festa Esterna jieħu ħsieb l-ispejjeż ta' crane li se jintużaw għall-attivitajiet tal-logħob tan-nar għal somma ta' mhux iktar minn 700 Euro."

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.9** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6177/22/8** "Sabiex il-lattrina pubblika tinżamm miftuħa sa nofs il-lejl fil-ġimgħa tal-Festa"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.9.10** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6178/22/8** "Sabiex il-Kunsill Lokali jorganizza riċeviment għall-għaqdiet u l-voluntiera kollha li jagħtu sehemhom fl-attivitajiet tal-festa nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju fis-7:30pm għal spiża ta' mhux iktar minn 2,500 Euro"

Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li għal dan ir-riċeviment għandhom jiġu mistiedna dawk il-voluntiera li matul is-sena jgħinu lill-Kunsill. Għaldaqstant il-Kuns M Lombardo qal li kull min irid jistieden lil xi persuni, għandu jgħaddi l-ismijiet flimkien mal-indirizzi rispettivi lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tkun tista' tħejji l-inviti.

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.9.11** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6179/22/8** "Sabiex jitqiegħed bukkett fjuri quddiem l-istatwa tal-Madonna fil-knisja għal spiża ta' mhux iktar minn 75 Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.9.12** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6180/22/8** "Sabiex qabel il-Fgura fest li se tittellgħa fit-2 ta' Lulju 2022 jinħasel iz-zuntier tal-knisja Parrokjali tal-Fgura"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.9.13** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-permessi tat-toys u tal-gabbani, l-proċess għandu jsir bħal kif dejjem sar, li tat-toys jintramaw fil-main road faċċata ta' xulxin mingħajr ma jarmaw quddiem djar residenzjali li jghixu n-nies fihom u tal-gabbani jarmaw fi Triq is-Sur minn Triq il-Kitba 'il fuq. Din is-sena wkoll bħalma sar fis-snin preċidenti, għandha tiġi mmarkata l-qies tal-gabbana kemm tal-ikel kif ukoll tat-toys u l-permessi jingħataw *first come first serve basis.*

Il-Kuns C Bonello qal li għandha tinġibed l-attenzjoni lil tal-gabbani biex filgħaxija ma jħallux skart warajhom. Dwar dan is-Sindku nfurmah li din hija waħda mir-regolamenti li għandhom imniżżla fil-permess.

## 50.10 KORRISPONDENZA

**50.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li dan il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel biex fl-okkażjoni tal-225 sena anniversarju jtellgħu kunċert fi Triq Hompesch quddiem il-mina ta' Hompesch direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6181/22/8** "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura jilqa' t-talba tal-għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn qed jitolbu sabiex nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2022 mit-8pm 'il quddiem jiġi mtellgħa kunċert fi Triq Hompesch direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar. Mal-approvazzjoni jrid jitniżżel li dan il-permess huwa validu wara li jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa mill-entitajiet kkonċernati"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.10.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta mill-Fgura United FC sabiex jiġi ppublikat it-tieni rapport dwar l-impatt soċjali. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li dan il-Kunsill kien diġa ddiskuta li meta tittellgħa attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill minn kwalunkwe għaqda, il-Kunsill għandu jissemma' dejjem u jintwera l-logo tal-istess Kunsill f'kull materjal promozzjonali li jinħareġ u anke jiġi rringrazzjat tal-għajnuna li dan il-Kunsill ikun provda. Dwar dan il-membri tal-kamra qablu. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6182/22/8** "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura jikkollabora mal-Fgura United FC dwar il-pubblikazzjoni tat-tieni rapport dwar l-impatt soċjali. Dan għal spiża ta' mhux iżjed minn €700 bil-vat inkluża"

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.10.3** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura sabiex il-Kunsill jirriklama fil-ktieb li jiġi ppublikat għall-okkażjoni tal-festa tal-lokal. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6183/22/8** "Sabiex isir ħlas ta' €105 vat inkluża għall-pubblikazzjoni fuq il-ktieb annwali li jinħareġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura, fl-okkażjoni tal-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. L-avviż għandu jindika l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju Amministrattiv għaż-żmien tas-sajf"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 50.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**50.11.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns A Tanti sabiex jagħmel l-intervent tiegħu rigward l-attivita' li qed iħejji. Il-Kuns A Tanti qal li ġie avviċinat mill-futboler Maltija s-Sinjorina Hayley Buġeja biex qabel ma' titlaq minn Malta tagħmel attivita' mal-Kunsill Lokali tal-Fgura. Għaldaqstant il-Kuns A Tanti ħejja attivita' li se ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 bejn it-8:30am u 12pm, fejn is-Sinjorina Buġeja jkollha l-opportunita' li żżur l-iskola Primarja tal-Fgura St Thomas Moore u tiltaqa' ma' diversi studenti kif ukoll mat-tim tal-futbol tal-istess skola. Kompla billi qal li wara ż-żjara fl-Iskola Primarja, s-Sinjorina Buġeja ser

iżżur l-binja tal-Kunsill fejn anke jkollna waqfa għall-kafe u ssir diskussjoni magħha dwar il-karriera tagħha. Għaldaqstant il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6184/22/8** "mozzjoni sabiex nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju l-player Internazzjonali Hayley Buġeja żżur l-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Fgura u wara l-Kunsill Lokali tal-Fgura. L-ispiża għal din l-attivita' ma taċċedix is-600 Euro li tinkludi kiri ta' karozza u xufier, servizz ta' fotografu u xiri ta' token"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6185/22/8** "B'referenza għar-rikjesta tas-Sur Adrian Burnell sabiex tiġi nstallata s*nacks vending machine* fi Pjazza Patri Redent Gauci tali rikjesta għandha tiġi aċċettata minn dan il-Kunsill"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Ittieħed vot.
Favur: Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti, Kuns M Lombardo
Kontra: ħadd
Astenzjoni: il-Viċi Sindku
Il-mozzjoni għaddiet 6 favur u astenzjoni waħda. Is-Sindku talab li jittieħdu l-ismijiet.

**50.11.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6186/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jħejji korsijiet għat-tfal bħalma kien jagħmel preċidentament għal matul ix-xhur tas-sajf. Għaldaqstant dan il-Kunsill għandu jaċċetta u jiffirma l-ftehim mibgħut minn TCTC biex jagħmel korsijiet bl-isem IKIDS C3 fejn tali kors huwa bbażżat fuq is-sillabu li jagħmlu fl-iskejjel. L-etajiet ivarjaw minn 5 snin sa 11-il sena mifruxa fuq 8 ġimgħat li jsiru darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs. Il-Ħlas totali huwa ta' €2,100"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.11.4** Is-Sindku qal li dan il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Kuns A Tanti fejn talab lil dan il-Kunsill biex jiprovdi tagħlim fuq is-sewqan ta' roti. Il-Kuns A Tanti qal li l-Kunsill jiprovdi l-ħlas tal-għalliem tar-roti, filwaqt li t-tfal jagħmlu użu mir-rota tagħhom stess. Għal dan it-tagħlim dan jintuża l-

basketball court li jinsab fi Pjazza Patri Redent Gauci. Għaldaqstant il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6187/22/8** "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Fgura jipprovdi lezzjonijiet ta' sewqan ta' rota b'xejn lit-tfal residenti ġewwa l-Fgura"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.11.5** Is-Sindku qal li dan il-Kunsill ġie avviċinat mill-*Annimal Welfare* fejn talbu li ssir spezzjoni fil-*Clubhouse* li tinsab fi Pjazza Patri Redent Gauci propju fil-kamra li l-kunsill ghaddha b'self lill-Ackerly Pace sabiex jinzammu qtates abbandunati wara rapport li kienu rċievew. Kopja tar-rapport intalbet mill-Kunsill iżda dan il-Kunsill għadu ma rċiviex kopja tiegħu.

**50.11.6** Is-Sindku qal li hekk kif kważi tlesta l-ħawt ta' Triq it-Tagħlim kantuniera ma' triq is-Sur, dan il-Kunsill se jkun qed jamalgama dan il-proġett ma' proġett ieħor fl-istess żona sabiex isiru kannizzati bi pjanti li jixxebbilku fi Triq is-Sur biex b'hekk iservu ta' kenn anke għall-ġenituri li jmorru jiġbru lil uliedhom minn din l-iSkola. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: **6188/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill jiġbor tliet kwotazzjonijiet biex isiru żewġ kannizzati fi Triq is-Sur biswit l-iskola u magħhom jitħawlu siġar li jixxebilku u joħolqu dell fejn in-nies ikunu jistgħu jistkennu mix-xemx waqt il-ħin tal-iskola"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.11.7** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra rigward laqgħa li saret mas-Sur Pierre Attard rappreżentant tal-kumpanija GO PLC dwar it-tisbieħ ta' *Central Strip* ta' quddiem il-Gallerija Complex. Kompla jgħid li l-Kumpanija Go plc lesta li tħallas l-ammont ta' €5,000 għal parti minn dan it-tisbieħ fejn kulma jixtiequ min-naħa tal-Kunsill li teħel tabella ndikattiva tal-istess kumpanija. L-ammont tal-kwotazzjoni li dan il-Kunsill ġabar għal dan it-tisbieħ huwa ta' €13,323.15. Is-Sindku nforma lill-membri li għat-talba li dan il-Kunsil kellu minghand il-Kumpanija Frank Salt fejn dawn tal-aħħar ġew ikkunttatjati permezz ta' imejl mibgħuta minn dan il-Kunsill iżda li sal-lum l-istess Kunsill għadu bla risposta. Barra minn hekk il-Kunsill ġie avviċinat ukoll mill-BNF Bank fejn wera x-xewqa li dan il-bank jieħu ħsieb żona ta' tisbieħ fil-lokalita' tal-Fgura. Għal dan il-

għan, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa ma' rappreżentant ta' dan il-bank sabiex jiddiskuti fuq liema zona jista' jsir dan it-tisbieħ.

## 50.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**50.12.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kamra li kellu laqgħa mal-Perit li taħtu taqa' r-responsabbilta' tax-xogħolijiet li qed isiru fi Triq il-Kitba, rigward il-bosta lmenti li qed jidħlu dwar l-istorbju. Il-Perit qal li matul din il-ġimgħa se jkunu qed jitlestew il-bankini u l-ġimgħa ta' wara se jkun qed jingħata l-ewwel saff ta' tarmak.

## 50.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**50.13.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 50.14 STAFF

**50.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6189/22/8** "Sabiex tinħareġ sejħa fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura għal Skala 7"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.14.2** Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni dwar fix wasal il-proċess tal-iskrivani, fejn is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li dwar is-sejħa ta' Skrivan fi Skala 15 ġew intervistati 2 persuni li waħda minnhom ma kellix ir-rekwiżiti biżżejjed u l-persuna l-oħra ma kwalifikatx għal tali post. Rigward is-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv il-bord għad irid isejjaħ lill-applikanti biex issirilhom intervista.

## 50.15 MOZZJONIJIET

**50.15.1** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6190/22/8** "Mozzjoni sabiex Triq Madre Tereża ta' Kalkutta ssir Triq Santa Tereża ta' Kalkutta"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.16 PLANNING AUTHORITY

**50.16.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fl-14 ta' Ġunju 2022 se tittieħed deċiżjoni rigward l-applikazzjoni tal-car wash bil-jet washers li tinsab fi Triq Zabbar.

## 50.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**50.17.1** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-bażi tal-way marker ma kienx hemm żviluppi pero' qed nistennew li jibda' għal Awwissu. Dwar l-installazzjoni tad-dawl fl-istess bażi, ser issir laqgħa mal-kuntrattur iktar tard din il-ġimgħa. Fir-rigward in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, għadna qed nistennew feedback dwar l-iskema li applikajna għaliha,

**50.17.2** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-arblu ta' Triq il-Karmnu l-ġimgħa d-dieħla se tkun qed issir laqgħa mal-kuntrattur li se jkun qed jagħmel l-irħam tal-fonzuspizju. Rigward it-tpoġġija tal-istess arblu, il-Kummissjoni Festa Esterna nfurmaw lill-Kuns C Bonello li l-arblu lest u se jkun qed jitpoġġa fil-jiem li ġejjin.

**50.17.3** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li hu flimkien mas-Sindku saret laqgħa mal-Familja Camilleri Cauchi u uffiċċjali mill-Heritage Malta fejn bdew il-preparamenti. Heritage Malta aċċettat li tgħin fl-organizazzjoni ta' din l-esebizzjoni. Id-data tal-inawgurazzjoni ser tkun is-Sibt 15 ta' Ottubru filgħaxija, dejjem jekk il-Kunsill jaqbel u tali wirja tibqa' miftuħa għal madwar xahar.

**50.17.4** Il-Kuns C Bonello qal li rigward ir-restawr tax-Xelter ta Triq Hompesch, dan il-Kunsill għadu qed jistenna l-permessi neċessarji mill-Lands Authority.
.

**50.17.5** Il-Kuns C Bonello informa lill-membri tal-kamra li fuq ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ta' Pjazza Reggie Miller din l-istatwa ġiet imdawra u r-restawr huma kważi lesti. Se jkun qed jitnehha l-armar fil-granet li gejjin.

**50.17.6** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-bdil tal-isem ta' Triq Patri Mawrizju Mizzi, il-Kumitat għat-Tismija tat-toroq aċċetta li l-Pjazza f'tarf Triq ir-Riħan tkun parti minn Triq Patri Mawrizju Mizzi u issa l-Kunsill għamel l-ordni sabiex isiru t-tabelli bl-isem il-ġdid. Hekk kif ikollna konferma meta ser jitlestew dawn it-tabelli nkunu nistgħu mmexxu għall-inawgurazzjoni. Għalhekk il-Kuns C Bonello qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex id-data tal-inawgurazzjoni tiġi kkomunikata lill-Kunsilliera iktar tard permezz ta' korrispondenza. Għaldaqstant il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref :**6191/22/8** "Mozzjoni sabiex issir iċ-ċerimonja tal-

inawgurazzjoni tal-isem il-ġdid ta' Triq P. Mawrizju Mizzi O. Carm a spiża ta' €1,000"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.17.7** Il-Kuns C Bonello qal li l-attivita tal-Karnival kienet suċċess u rringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex din l-attivita tittella' b'suċċess. Għas-sena d-dieħla ser nippruvaw inkomplu nziedu ftit armar iehor u ghaldaqstant Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref : **6192/22/8** "mozzjoni sabiex għas-sena d-diehla jitkompla parti oħra mill-Armar tal-karnival a spiża ta' €1,000"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.17.8** Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-inizjattiva għat-Tfal bl-isem Tpinġija għall-Festa, qal li l-preparamenti bdew u l-inizjattiva ser tagħlaq fit-2 ta' Lulju sabiex ikunu jistgħu jittieħdu r-ritratti tat-tfal bix-xogħolijiet tagħhom. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6193/22/8** "mozzjoni sabiex inkomplu bl-inizjattiva ta' tpinġija tat-tfal għal festa bi spiża addizzjonali ta' €700"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.17.9** Il-Kuns C Bonello qal li dwar l-iskema Kultura 2022 jidher li d-dipartiment mixi fuq din l-iskema u jispera li ser ikollna xi forma ta' feedback fiż-żmien li ġej

**50.17.10** Il-Kuns C Bonello qal li rigward Triq San Titu Brandsma l-applikazzjoni saret u qed nistennew risposta mill-Kumitat ghat-tismija tat-toroq.

**50.17.11** Il-Kuns C Bonello qed jiproponi li Triq Madre Tereża ta Kalkutta issir applikazzjoni ħalli t-triq tiġi aġġornata u tiġi taqra Triq Santa Tereża ta' Kalkutta.

**50.17.12** Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-President ta' Reġjun Port talli silef il-ħaddiema tiegħu lil dan il-Kunsill sabiex jitlesta l-ħawt ta' 40 metru fi Triq it-Tagħlim kantuniera ma' Triq is-Sur. Kompla billi rringrazzja wkoll lill-Ministeru kkonċernat li taħtu jaqa' Parks Malta

li provdew il-ħamrija għal dan il-ħawt. Sabiex jitkompla l-proġett il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref **6194/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa biex jitkompla x-xogħol finali tal-*vertical garden* fi Triq it-Tagħlim li tammonta għal €2,500"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**50.17.13** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6195/22/8** "mozzjoni sabiex issir ċerimonja waħda għall-għoti ta' rikonoxximenti lill-parteċipanti tal-inizjattivi Milied Riċiklabbli u Tpinġija għall-Milied għal somma ta' €2,000"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 50.17 MISTOQSIJIET

**50.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.18 AĠĠORNAMENT

**50.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:40hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2022 fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Is-Sinjura Ritianne Bonnici |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 8 ta' Ġunju, 2022

PRFPO for CM June 2022

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 9348 | 9568 | vince hardware stores | pakketti boroz suwed pickers | € 117.70 |
| 9349 | 9569 | fotograter | photography 3 hr | € 460.20 |
| 9350 | 9570 | tal-milord | zrar ghal-triq it-taghlim zona ta'tisbih | € 174.00 |
| 9351 | 9571 | the fotogrcfer | carnival photos | € 64.75 |
| 9352 | 9572 | ghaqda muzikicali u socjali madona tal-karmnu | servizz tal-banda | € 1,180.00 |
| 9353 | 9573 | francis servizz | dreser | € 40.00 |
| 9354 | 9574 | derek gardan conwe | 1 pot 2 tree | € 49.50 |
| 9355 | 9575 | Transmec Services | 8 travetti 90 8 travetti 100 10 round bar 14mm 3 kauling 40x8 1 square bar 30x30 | € 1,442.90 |
| 9356 | 9576 | ryan bezzina | design ghall-ktieb milied | € 400.00 |
| 9357 | 9577 | emi bonnici | 150 magazines | € 420.00 |
| 9358 | 9578 | emi bonnici | carnival ktieb | € 103.50 |
| 9359 | 9579 | ryan bezzina | desugn ktieb tal-carnival | € 575.00 |
| 9360 | 9580 | paul magi | hadida 6m | € 65.96 |
| 9361 | 9581 | kummissjoni fest esterna | armar ta' abli fi triq hompesch ghal ahivita tal-karnival | € 240.00 |
| 9362 | 9582 | ryan bezzina | pesijn of carnival leaflet | € 70.00 |
| 9363 | 9583 | emi bonnici | carnival 5,500 leaflets | € 126.00 |
| 9364 | 9584 | kummissjon festa esterna | ktieb tal-festa 2022 | € 300.00 |
| 9365 | 9585 | chns debono | photography Sunday 22/05/22 | € 180.00 |
| 9366 | 9586 | mark testa | booth hire | € 357.00 |
| 9367 | 9587 | derek garden centre | sigra taz-zebbug | € 10.00 |
| 9368 | 9588 | bonnici press | cards printed for carnival | € 53.01 |
| 9369 | 9589 | Vince hardware stores | pbstie dpe 18 mhs intonaco 535 stixall bond and sead clear drain cleone masking clear hose pipe | € 56.11 |
| 9370 | 9590 | Vince hardware stores | paint brush rullo lana cordonato trals for point guant lattice singma façade easy sand 500g abus padlock 50mm abus padlock 60mm naslo segnaltico | € 133.76 |
| 9371 | 9591 | Vince hardware stores | hampel eggshell brolac cold brolac cold paint brushx2 spazzola spetty erger patio dressing 3 bett flex trowels degradable garbage | € 488.59 |
| 9372 | 9592 | Vince hardware stores | led flood slim berger patio slcere jint sika grout water pump water tamp washer cement black water paint brush sigma betts flex tolsen handsan cemento white cement door carpets | € 347.14 |
| 9373 | 9593 | Vince hardware stores | sigma façade 10thrs sigma façade 5ths waterpaint brush hemper gloss paint brush sand paper conduit clips sockets inspection cutting sold insuiation normal ket padloce | € 227.08 |
| 9374 | 9594 | Vince hardware stores | conduit sold bends locking nyionclamp fisher stainless steel blow stainless steel viti autop testa lastrina oritta lucchetto ottone paint brush x2 spazzola speedy | € 34.51 |
| 9375 | 9595 | Vince hardware stores | carbage bags conduit pipe guanti in lattice rosso lame per gattuccio masking boehler | € 57.68 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 9376 | 9596 | ganza extras | dermo liq soaq fiocco bobinetto tanna verello airwick mastro lindo x2 wcnet bleach chante clair harpic panno clean pamex microfibre voila chamois | € | 218.03 |
| 9377 | 9597 | alberta | extbscser foamltr anseal nitpext orin dry powder | € | 90.01 |
| 9378 | 9598 | 30x30 architecture studio | compliance certificate | € | 130.00 |
| 9379 | 9599 | Albano Grima | Attendant of Public Convenience during May 22 , Assistance on Hamis ix-Xirka | € | 450.00 |
| 9380 | 9600 | Stefan Degabirele | Servizz ta tindif fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill 12-il siegha fil-gimgha 8 eur fis-siegha ghall-Mejju 2022 | € | 416.00 |
| 9381 | 9601 | CATHEINE SAMMUR | CLEANING SERICE 2ND PLOORINC REST ROOMS FOR MAY 22 | € | 377.40 |
| 9382 | 9602 | DANIEL CUTAJAR | SERVICE/REPCIR VAN IBL 985 | € | 471.50 |
| 9383 | 9603 | SILVIO DELIA | DISMANTLING PROJECT HOLY MARY STATUE | € | 280.00 |
| 9384 | 9604 | Cancelled | | | |
| 9385 | 9605 | KUMMISJONI FESTA | XOGHOL TAL ARBLU TAL HADID SUPPLY TAL PAPIJET WELDING 2 PASSATI UNDERCOAT U ZIFINISH GALLETTA 2 HBULA GODDA | € | 2,400.00 |
| 9386 | 9606 | GARDANIA | SUPPLY DELIVER 95CM BENCH SUPPLY AND DELIVERY POT | € | 2,912.24 |
| 9387 | 9607 | BALLUT BLOCKS | BRICKS SAND CEMENT CRANE DELIVERY | € | 330.64 |
| 9388 | 9608 | SEAN TNEUMA | PHASE DISTRIBUTIO LIGHTING POINTS PROOF 3 PHASE DIST LIBUTIO 3 QUARA ROCK PIECES 3 PHASE EARTH LIBRARY LED TUTE HIGHTS REPLACEMENT SOCKET OUTLET FOR FINGERPINT | € | 3,625.00 |
| 9389 | 9609 | PC GENERATIONS | BELKIN 40M NOTEBOOK HARGER | € | 50.68 |
| 9390 | 9610 | EMMANUEL BORG | QLUGH TA' HAWT TAL-QSARRI BIR-RIMI B'KOLLOX QLIGH TA'GHERUQ TAS-SIGAR NBUTAUH IL-GEBEL BARRA IL-GEBEL NBIDDEL MIL-GDID | € | 218.32 |
| 9391 | 9611 | ISPY JURGEN BORG | CAT 5E UTP BARE COPPER CABLE OUTDOOR WEATHER PIOOF CABLE EXTENSION PF CCTV | € | 540.44 |
| 9392 | 9612 | BRISTOW POTTERIES | STREET PLAQUES | € | 460.20 |
| 9393 | 9613 | FRANCIS GALEA | DIESEL FOR VAN IBL 985 | € | 40.00 |
| 9394 | 9614 | LEON | CARNIVAL 2022 AT FGURA 22 MAY | € | 1,595.00 |
| 9395 | 9615 | Cancelled | | | |
| 9396 | 9616 | NEXOS | MISSING SMART BATS EVENT MIXGHELA | € | 295.00 |
| 9397 | 9617 | Albano Grima | Hasil bil-Bowser quddiem il-Band Club Fgura | € | 120.00 |
| 9398 | 9618 | Eco Pure | 7 Water Containers 18.9 ltrs each | € | 22.75 |
| 9399 | 9619 | Roc A-Go | Card towed on Carnival Event held on 22-May | € | 60.00 |
| 9400 | 9620 | Vince hardware stores | Masking tape ,flap disc , Black cement, Silicone, Sigma paint,cement,secchio ovale luna ,Bucket and stud | € | 108.18 |
| 9401 | 9621 | Vince hardware stores | Platone Antigaccia ,Sigma Kwarts and Guanti in lattice | € | 53.35 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 9402 | 9622 | Dgalea | Accountancy service -Standard retainer Apr to June 22<br>DLG meeting ,documentation +follow up | € 1,770.00 |

| PRFPO for CM June 2022 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 9348 | 9568 | vince hardware stores | pakketti boroz suwed pickers | € 117.70 |
| 9349 | 9569 | fotograter | photography 3 hr | € 460.20 |
| 9350 | 9570 | tal-milord | zrar ghal-triq it-taghlim zona ta'tisbih | € 174.00 |
| 9351 | 9571 | the fotogrcfer | carnival photos | € 64.75 |
| 9352 | 9572 | ghaqda muzikicali u socjali madona tal-karmnu | servizz tal-banda | € 1,180.00 |
| 9353 | 9573 | francis servizz | dreser | € 40.00 |
| 9354 | 9574 | derek gardan conwe | 1 pot 2 tree | € 49.50 |
| 9355 | 9575 | Transmec Services | 8 travetti 90 8 travetti 100 10 round bar 14mm 3 kauling 40x8 1 square bar 30x30 | € 1,442.90 |
| 9356 | 9576 | ryan bezzina | design ghall-ktieb milied | € 400.00 |
| 9357 | 9577 | emi bonnici | 150 magazines | € 420.00 |
| 9358 | 9578 | emi bonnici | carnival ktieb | € 103.50 |
| 9359 | 9579 | ryan bezzina | desugn ktieb tal-carnival | € 575.00 |
| 9360 | 9580 | paul magi | hadida 6m | € 65.96 |
| 9361 | 9581 | kummissjoni fest esterna | armar ta' abli fi triq hompesch ghal ahivita tal-karnival | € 240.00 |
| 9362 | 9582 | ryan bezzina | pesijn of carnival leaflet | € 70.00 |
| 9363 | 9583 | emi bonnici | carnival 5,500 leaflets | € 126.00 |
| 9364 | 9584 | kummissjon festa esterna | ktieb tal-festa 2022 | € 300.00 |
| 9365 | 9585 | chns debono | photography Sunday 22/05/22 | € 180.00 |
| 9366 | 9586 | mark testa | booth hire | € 357.00 |
| 9367 | 9587 | derek garden centre | sigra taz-zebbug | € 10.00 |
| 9368 | 9588 | bonnici press | cards printed for carnival | € 53.01 |
| 9369 | 9589 | Vince hardware stores | pbstie dpe 18 mhs intonaco 535 stixall bond and sead clear drain cleone masking clear hose pipe | € 56.11 |
| 9370 | 9590 | Vince hardware stores | paint brush rullo lana cordonato trals for point guant lattice singma façade easy sand 500g abus padlock 50mm abus padlock 60mm naslo segnaltico | € 133.76 |
| 9371 | 9591 | Vince hardware stores | hampel eggshell brolac cold brolac cold paint brushx2 spazzola spetty erger patio dressing 3 bett flex trowels degradable garbage | € 488.59 |
| 9372 | 9592 | Vince hardware stores | led flood slim berger patio slcere jint sika grout water pump water tamp washer cement black water paint brush sigma betts flex tolsen handsan cemento white cement door carpets | € 347.14 |
| 9373 | 9593 | Vince hardware stores | sigma façade 10thrs sigma façade 5ths waterpaint brush hemper gloss paint brush sand paper conduit clips sockets inspection cutting sold insuiation normal ket padloce | € 227.08 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 9374 | 9594 | Vince hardware stores | conduit sold bends locking nyionclamp  fisher stainless steel blow stainless steel viti autop testa lastrina oritta lucchetto ottone paint brush x2 spazzola speedy | € | 34.51 |
| 9375 | 9595 | Vince hardware stores | carbage bags conduit pipe guanti in lattice rosso lame per gattuccio masking boehler | € | 57.68 |
| 9376 | 9596 | ganza extras | dermo liq soaq fiocco bobinetto tanna verello airwick mastro lindo x2 wcnet bleach chante clair harpic panno clean pamex microfibre voila chamois | € | 218.03 |
| 9377 | 9597 | alberta | extbscser foamltr anseal nitpext orin dry powder | € | 90.01 |
| 9378 | 9598 | 30x30 architecture studio | compliance certificate | € | 130.00 |
| 9379 | 9599 | Albano Grima | Attendant of Public Convenience during May 22 , Assistance on Hamis ix-Xirka | € | 450.00 |
